## IL-BEJTA

**Ta' Pawlu Aquilina**

April . . .
Minn fommu
Fietel nifisna
Nixorbu . . .
Iferragħ . . . iferragħ . . . iferragħ . . .
L-inwar,
Iż-żahar,
Il-ward
Minn ġufu Marzu
Fi ħdan April u Mejju!
Hekk ta' kull sena
Ifawwar ġufhom u jitbissmu hienja
Għajnejhom,
Xufftejhom,
Ħomor,
Mimlija,
Tqal!

Hekk ta' kull sena . . .
Fil-għoli,
Ġo toqba,
Fil-ġbin ta' palazz dawl u dija
Tintiseġ il-bejta moħbija
Irtuba
Ta' rix u ħuxlief
Ta' ħjut u ta' ħjut bil-mijiet . . .
U tfawwar l-imħabba
Hekk fietla
U sħuna u hienja
U tpespes
U trodd
U titkattar . . . !

Mhux hekk imma l-bejta ġawhrija
Ta' ġewwa!



Nifs Marzu,
Tgħanniq April, bews Mejju,
Hekk fietel,
Hekk ħlejju,
Qatt . . .
Qatt . . .
Ma daqithom
In-nieqa
Ħawlija
Ta' ġewwa . . . !

## LIL MARIJA BAMBINA

**Ta' Ġuże' Delia, S.J.**

Marija Bambina,
Li tfewwaħ bil-fwieħa balsmija tas-sema,
Li meta dhert fostna,
Imlejt din l-art tagħna bid-dija ta' ġmielek,
Illum miġburin hawn quddiemek,
Irridu minn qalbna nagħtuk it-tislima,
Biex lilek infissru l-imħabba u l-qima,
Li aħna, ulied din il-belt Sengleana,
Dil-belt li hi tiegħek u tagħna,
Inħossu hawn taħraq u theġġeġ ġo fina,
Għalik, ja Madonna, Omm tagħna ħanina.

Dal-jum ta' Settembru jfakkarna
Li s-sena li ġejja, ħamsin sena ilu,
Quddiemek inġbarna kotrana,
Biex rasek inżejnu b'kuruna tad-deheb,
U lilek nistqarru quddiem l-art u s-sema,
Ta' qlubna, ta' djarna, ta' l-Isla Sultana.

Tiftakar, Marija Bambina,
Konna hemm dak in-nhar, l-Isla kollha bi ħġarha,
Sabiex ta' mħabbitna nixhdulek il-ħsara;
U l-baħar u x-xatt kienu mdewda,
Bin-nisa, bir-rġiel,
Bix-xjuħ u biż-żgħażagħ, bl-eluf tat-tfal tagħna,